MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 377/2008

**FINPRO LIMITED** (C.39891)

**vs.**

Diana Margaret **CARDONA,** u John Cardona

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fil-15 ta’ April 2008, li bih s-soċjeta’ rikorrenti, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet a) li din il-Qorti taqta’ l-kawża mingħajr smigħ; u b) li l-Qorti tikkundanna lill-imħarrkin, solidalment bejniethom, biex iħallasu lill-kumpannija attriċi s-somma ta’ sitta u erbgħin elf, sitt mija u sitta u sittin euro u sitta u disgħin ċenteżmi (€64,666.96) li tirrappreżenta ħlas ta’ servizz ta’ akkomodazzjoni, spejjeż u servizzi mogħtijin lilhom f’dar tar-residenza għax-xjuħ. Talbet ukoll il-ħlas ta’ l-imgħax legali u l-ispejjeż;

Rat illi r-rikors ġie debitament notifikat lill-intimati li naqsu li jidhru meta ssejħet il-kawża, u hekk baqgħu kontumaċi;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta' rikorrenti;

Eżaminat l-atti tar-Rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors jirriżultaw pruvati;

Fil-kontumaċja ta' l-intimati tiddeċiedi billi:

1) **Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjeta' rikorrenti** u taqta' l-kawża mingħajr is-smigħ;

2) **Tilqa' t-tieni talba** u tikkundanna lill-imħarrkin, flimkien u solidalment bejniethom, biex iħallsu lill-kumpannija attriċi s-somma ta' €64.666.96 rappreżentanti servizz ta' akkomodazzjoni, spejjeż u servizzi oħrajn mogħtija lill-istess imħarrkin kif fuq ingħad, flimkien ma' l-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mit-18 ta' Marzu, 2008, sal-jum tal-ħlas effettiv.

3) **Tikkundanna** lill-imħarrkin iħallsu **l-ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------